MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2006

Numru. 522/2006

PULIZIJA
SPETTUR CARLO ELLUL
VS
WAGDI BEN HAMED
NASR EDIN JERAY

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Wagdi Ben Hamed, ta’ 29 sena, bin Lazar u Fthija nee’ Lawzi, imwieled Tripoli nhar it-28 ta’ Novembru 1976, u joqghod Bliss, Triq il-Lampuki, San Pawl il-Bahar, u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 0412304L; kif ukoll Nasr Edin Jeray, ta’ 32 sena, bin Milet u Myriam nee’ Randan, imwieled Tripoli fil-15 ta’ Marzu 1973, u residenti Flat 6, Binja Nigret, Entratura A, Zurrieq, u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 0227301L.

Lil Wagdi Ben Hamed akkuzat:

(1) talli fis-27 ta' Mejju 2006, fi Triq Santu Wistin, Paceville, San Giljan, u fil-Pjazza Qalb ta' Gesu, San Giljan, ghal habta tal-erbgha u nofs ta' filghodu u s-sitta u nofs ta' filghodu rispettivament, bil-hsieb li jaghmel delitt u cioe' li jikkaguna ferita gravi fuq il-persuna ta' David Bonello, Martin Micallef, Charlton Abela u Felix Barbara, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, billi prova jaghti daqqiet ta' strument li jaqta' u bil-ponta (sikkina) lill-istess persuni msemmija hawn fuq, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta' tieghu;
(2) talli fl-istess hin, data, lok u cirkostanzi, fil-waqt tal-offiza fuq il-persuni hawn fuq imsemmija, kellu fuq il-persuna u fil-pussess tieghu arma regolari, skond kif kontemplat fl-Artiklu 26 tal-Kap 66 tal-Ligijiet ta' Malta;
(3) talli fl-istess data, hin u lok, zamm kif ukoll gar strument li jaqta' u bil-ponta minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Lil Wagdi Ben Hamed u Nazr Edin Jeray akkuzati:
(1) talli fis-27 ta' Mejju 2006 fi Triq Santu Wistin, Paceville, San Giljan, u fil-Pjazza tal-Qalb ta' Gesu, San Giljan, ghal habta tal-erbgha u nofs ta' filghodu u s-sitta u nofs ta' filghodu rispettivament, ikkagunaw feriti hfief salv il-kumplikazzjonijiet fuq il-persuna ta' David Bonello, Martin Micallef, Charlton Abela u Felix Barbara;
(2) aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi minghajr ma darbu jew sawwtu, heddu bil-gebel jew bi hwejjeg ohra iebsin, jew waddbuhom jew qabdu armi ohra kontra n-nies;
(3) wkoll talli fl-istess cirkostanzi, data, hin u lok, heddu bil-kliem lill-istess persuni msemmija hawn fuq, u sahansitra hedduhom li se jaharqu l-istabbiliment il-Fuego ta' San Giljan;
(4) aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament kisru l-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali (a fol 35) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni jirrizulta minn PS Joseph Pace a fol 40 et seq, illi kien inqala' xi argument ma' genb il-Fuego Bar fid-data u hin citat fl-akkuza, li fiha kienu nvoluti l-imputati u erba' persuni li kienu 'security guards' mal-Fuego. PS Pace gie nfurmat illi s-'security guards' kienu rrifjutaw li jdahhlu lill-imputati l-Fuego, li kienu gew fl-idejn u li sahansitra kellu jintuza' xi 'spray' sabiex l-imputati ma jidhlux gewwa. PS Pace xehed li huwa ma setax jikkonferma dan kollu ghaliex meta wasal hu, il-Fuego kien ghalaq, u ghaldaqstant, huwa baghat liz-zewg imputati jgibu certifikat mediku ghall-griehi illi sofrew.

Gara illi nqala' t-tieni ncident il-Fuego fejn gew skambjati fliexken u hadid fid-direzzjoni tal-Fuego. Illi meta regghu rritornaw l-imputati l-ghassa, inqala' pandemonju shih ghaliex gemgha ta' xi seba' jew tmien min-nies, iltaqghu quddiem l-ghassa tal-Pulizija. Dawn kienu s-'security' tal-Fuego u nies ohra midhla tal-istess 'bar', u tant kibret il-glieda illi s-Surgent Pace kellu jghajjat ghall-assistenza tal-Mobile.

Illi s-'security guards' tal-Fuego, u cioe' Charlton Abela, Martin Micallef u David Bonello ghazlu li ma jixhdux sabiex ma jinkriminawx irwiehhom (ara xhieda a fol 36-39).

Illi mix-xhieda ta' PS 1300 jirrizulta s-segwenti:

*'(L-imputati) li marru biex jidhlu l-Fuego u kellhom xi argument mas-securities u li ntuza' wkoll xi spray kontrihom. Ahna bghatnihom jaghmlu certifikat mediku u jergghu jigu l-ghassa. Ghal habta tas-sebgha neqsin kwart, ircevejna rapport li Ben u siehbu regghu marru l-Fuego u waddbu xi fliexken tal-hgieg lis-security. Jien u PC 665 morna hdejn il-Fuego u hemmhekk ma sibna lil*

*hadd, kien hemm is-security li qalulna li Ben u siebhu marru hemmhekk u qednilhom morru ghamlu rapport fuq dak li gara l-ghassa. Is-securities telqu mill-Fuego b'karozza Toyota HBC 668. Meta wasalna lura l-ghassa sibna glieda bejn dawn l-imsemmija nies u s-securities tal-Fuego…kienu hamsa u bdew isawwtu, ahna ma sibniex kontroll ma zammejniex kontroll ghax kullma konna tnejn tlieta min-nies.'*

Mistoqsi mill-Qorti min beda jsawwat lil min, PC 1300 Fenech iddikjara:

*'Xhud: Is-securities lil Ben*
*Qorti: U min mis-securities?*
*Xhud: Il-hamsa li huma*
*Qorti: Il-hamsa li huma bdew isawwtu lil min?*
*Xhud: Lil Ben u lil siehbu…Jien aktar rajthom jaqilghu….Ben naf li kellu wiccu kollu dmija u l-iehor kellu wkoll minghalija f'subghajh, kellu xi haga f'subghajh…kellu subghajh miksur.' (ara xhieda a fol 97).*

Ikkunsidrat:-

Illi in vista ta' din ix-xhieda sgjaccanti li turi illi l-imputati kienu vittma ta' attack sfaccat minn hames 'bouncers' li ddecidew arbitrarjament illi l-imputati ma kellhomx jidhlu fil-Fuego, u li kif l-imputati pprotestaw, intuza' 'spray' fuqhom apparti illi gew aggrediti. Illi dan ma kienx bizzejjed, u gie segwit minn attakk selvagg fuq l-ghatba tal-ghassa tal-Pulizija, xena illi giet rakkontata dettaljatament u vividament minn PC 1300 Julian Fenech, li juri b'mod car illi l-imputati kienu l-vittmi ta' dan l-attakk u mhux l-aggressuri.

Illi ghaldaqstant, din il-Qorti ssib lill-imputati mhux hatja tal-akkuzi kif dedotti kontra taghhom u tilliberahom.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------